# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 15 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 27**

**Citaz. Nru. 841/01GV**

**Cutajar Limited**

**vs**

**Priceclub Operators Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' erbatax il-elf, seba' mija u tnejn u tmenin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm14,782.27) rappresentanti somma bilancjali dovuta ghall-merkanzija konsistenti f'apparat tal-HIFI u *applainces* elettrici ohra mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta (*statment* anness dok. B)

Premess illi socjeta' konvenuta ghad li giet interpellata sabiex thallas dan l-ammont baqghet inadempjenti.

Premess ukoll illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' Artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, u l-istanti nomine qed jannetti ma'

dan l-att affidavit (Dok. A) a tenur ta' l-istess artikoli tal-Kodici tal-Organizzazjoni u Procedura Civili.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' Lm14,782.27 (erbatax il-elf, seba' mija u tnejn u tmenin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu) rappresentanti somma bilancjali dovuta ghall-merkanzija konsistenti f'apparat tal-HIFI u *appliances* elettrici ohra mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra bonarja tat-3 ta' Mejju 2001, tal-mandat ta' sekwestru numru 1429/01 presentat kontestwalment u bl-imghax legali mill-20 ta' Marzu, 2001, data ta' l-ahhar konsenja kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjinijiet u hekk baghqet kontumaci;

Rat in-nota ra' riduzzjoni tas-socjeta' attrici ghal-ammont ta' Lm13,886.56 (tlettax il-elf, tmien mija, sitta u tmenin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu);

Semghet ix-xhieda ta’ Chris Gauci ghas-socjeta’ konvenuta;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi ma jidhirx lis-socjeta’ konvenuta ghandha fuq hiex tikkontesta t-talba kif ridotta, anzi jirrizulta li x-xhud Chris Gauci ammetta l-ammont kif ridott huwa dovut, tiddecidi billi tilqa’ talba tas-socjeta’ attrici kif ridotta ghal-ammont ta’ tlettax il-elf, tmien mija u sitta u tmenin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm13,886.56) bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**